**14 ta' Diċembru, 1962.**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St. J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

George Zammit pr et.

*versus*

Eugenio Borg et. ne

**Azzjoni — Interess.**

*Għalkemm l-attur ikollu nteress materjali fl-eżitu ta' kawża minnu ntentata, fis-sens illi, jekk l-istanza tiegħu tiġi akkolta, huwa jkollu riżultament utili għalih, u avvolja dak l-interess ikun attwali u anki dirett, l-istess interess ikun jonqsu wieħed mill-elementi meħtieġa biex ikun jista' jagħmel dik il-kawża, jekk ma jkunx ukoll leġittimu. Kwindi hu ma jistgħax jipproponi dik l-istanza jekk l-eżitu tagħha jkun jiddependi mill-eżerċizzju ta' azzjoni oħra li ma tikkompetix lilu, imma lil persuna oħra fid-diskrezzjoni tagħha.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur fil-kwalità msemmija, wara li ppremetta illi b'testment riċevut minn Nutar Giovanni Chappelle fl-14 ta' Awissu 1932 (dok. A) it-testatur Giuseppe Agius ħalla bħala legat lis-soċjetà konvenuta l-użu tal-fond no. 57, ġa no. 50, u drabi oħra 40 fi Trieq il-Knisja l-Qadima, Siġġiewi. bl-obligu li timpartixxi esklużivament fil-fond l-istruzzjoni reliġjuża lit-tfal u lill-kbar tar-raħal, u bid-divjet espress impost lill-istess soċjetà li ma jikrux il-fond "in tutto o in parte", jew li jadibuh għal skop divers minn dak fuq riferit, u fil-każ li s-soċjetà konvenuta ma tkunx tista' tuża l-imsemmi fond għal dak l-iskop, jew li ma tkunx trid tużah ulterjorment għall-istess skop, il-konvenut Don Luiġi Deguara nomine huwa awtorizzat li jipproċedi għall-bejgħ tal-istess fond u r-rikavat jiġi minnu applikat fiċ-ċelebraz-

zjoni ta' quddies skond l-intenzjoni tat-testatur, li għandu jsir mir-Reverendi Patrijiet Franġiskani Minuri Kappuċċini ta' Malta u Għawdex; u illi l-attur, b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju 1961, fil-kawża "Eugenio Borg ne. et. vs. George Zammit et." ġiet awtorizzat jagħmel din il-kawża (dok. B); u illi s-soċjetà konvenuta kriet parti mill-fond lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni Publika, li fil-fatt qiegħed jużah bħala skola, u dan in flagranti nfrazzjoni tad-divjet espress kif fuq impost mit-testatur, b'mod li l-lum l-istess soċjetà ddekadiet mill-istess legat, u għalhekk il-konvenut Don Luigi Deguara nomine huwa awtorizzat ibiegħ il-fond skond l-ordni kontenut fit-testment fuq riferit; talab illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u jingħataw il-provvedimenti meħtieġa, (1) jiġi dikjarat u deċis li l-konvenuti in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta ddekadew mill-imsemmi legat ta' użu tal-fond in kwistjoni mħolli lilhom bit-testment fuq riferit, u dan għal motivi premessi; (2) u bħala konsegwenza ta' din id-dekadenza jiġi ordnat lill-konvenut Saċerdot Deguara nomine jbiegħ l-istess fond, u r-rikavat jiġi applikat fiċ-ċelebrazzjoni ta' quddies skond id-dispożizzjoni tat-testment fuq riferit. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' April 1961, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-8 ta' Ottubru 1962, li biha laqgħet l-eċċezzjoni opposta mill-konvenut dwar il-karenza ta' nteress fl-attur biex jista' jagħmel il-ġudizzju preżenti, u konsegwentement illiberat lill-istess konvenuti, fil-kwalità fuq ċitata, mill-osservanza tal-istess ġudizzju; l-ispejjeż jitħallsu mill-attur. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi kontra l-azzjoni preżenti qegħdha tiġi eċċepita fl-ewwel lok il-karenza ta' nteress fl-attur biex jista' jippromwoviha; u huwa evidenti illi din l-eċċezzjoni għandha tiġi deċiża wkoll fl-ewwel lok;

Illi l-attur iqiegħed l-interess tiegħu fil-fatt li, jekk tiġi dikjarata d-dekadenza mitluba tas-soċjetà konvenuta mil-legat lilha mħolli tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u li bħa-

la proprijetarja tiegħu l-istess soċjetà rkuprat fond viċin mill-poter tiegħu (i.e. tal-attur), allura hija titlef it-titolu tal-istess irkupru u kwindi hu ma jkunx obligat jirrivendilha l-fond irkuprat, kif is-soċjetà qegħdha titlob li jiġi kundannat jagħmel fil-kawża l-oħra ċitata. Fil-fatt, din kienet ir-raġuni li nduċiet lill-Qorti f'dik il-kawża tissoprassjedi għaliha sakemm tiġi deċiża l-preżenti, kemm il-darba l-attur jidhirlu li jagħmilha, u għal dan l-oġġett ipprefiġġietlu żmien, u hu fil-fatt aġixxa;

Illi anki kieku wieħed kellu jammetti, għall-grazzja tal-argument, li skond it-termini tat-testment riferit, u in vista ta' dak li għamlet is-soċjetà konvenuta, din iddekadiet mil-legat, b'mod li verament titlef it-titolu tal-irkupru minnha eżerċitat, jibqa' dejjem il-fatt li wieħed irid jara jekk jistgħax l-attur stess jitlob id-dikjarazzjoni analoga jew inkella din tispettax lil ħadd ieħor. Infatti, għalkemm persuna jista' jkollha xi drittijiet kemm il-darba persuna oħra teżerċita drittijiet propriji tagħha, hija ma tistgħax iġġiegħel lil din il-persuna l-oħra teżerċita dawn id-drittijiet tagħha, personali tagħha, jew teżerċita hi stess dawn id-drittijiet għaliha, biex mbagħad hi stess takkwista d-dritt derivanti minn dan l-eżerċizzju jew b'xi mod tavvantaġġja ruħha; infatti, hu magħruf li ħadd ma jista' jiġi mġiegħel biex jeżerċita dritt tiegħu, iżda biss biex jeżegwixxi xi obligu tiegħu, mentri l-azzjoni ndiretta tippresupponi dritt fl-attur kontra t-titolari tad-dritt eżerċitat;

Illi fil-każ partikulari, meta wieħed jeżamina t-testment ta' Giuseppe Agius in ġenerali u d-dispożizzjoni partikulari in kwistjoni, l-unika konklużjoni li jista' jgħid hi li azzjoni simili, dwar ċjoè l-avverament o meno ta' dak imsemmi fit-testment stess (apparti l-kwistjoni jekk jammontax għal kondizzjoni jew "modus", u b'liema effetti, retroattivi o meno), ma tistgħax tispetta lill-attur personalment, billi dan id-dritt irid joħroġ mill-istess testment, u l-attur ma hu bl-ebda mod konness miegħu. Anki l-fatt stess li l-attur ħass in-neċessità li jħarrek lill-konvenut Arċipriet Don Luigi Deguara nomine, juri li verament azzjoni simili tispetta lil dan, u l-attur qiegħed appuntu jħarrku biex jottjeni l-effett tal-eżerċizzju tal-istess azzjoni, billi l-istess konvenut ma eżerċitahiex minn rajħ; dan, però

l-attur, għar-raġuni premessa, ma jistgħax jagħmlu, u jista' jagħmlu biss min, skond it-testment ta' Giuseppe Agius għandu l-interess li jara li l-volontà tat-testatur tiġi eżegwita, billi l-attur ma għandu ebda dritt kontra l-istess konvenut Don Luigi Deguara nomine, u d-dritt talvolta lil dan spettanti fis-sens pretiż mill-attur hu relattiv għalieh stess, billi d-dekadenza mitluba mhix ta' natura assoluta, u, kif intqal, trid tintalab minn min għandu nteress skond l-ultima volontà tat-testatur;

Illi, in kwantu għal din il-volontà tat-testatur, li għandha tkun suprema, jidher li dan ried li jsir it-tagħlim tad-duttrina nisranija fil-fond in kwistjoni, u dan ġie affidat lis-soċjetà konvenuta; din fil-fatt bdiet teżegwixxi din il-volontà u dejjem kompliet tagħmel dan, billi l-arranġamenti li għamlet dwar l-użu limitat (dwar spazju u żmien) mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni ma jfixkelx din l-attività tagħha. Però hemm iżjed, u dan hu ferm importanti, għax konness mal-kawża preżenti ntimament, u ċjoè li s-soċjetà konvenuta rkuprat il-fond l-ieħor minn għand l-attur propriju biex tkun tista' testendi u tesplika aħjar din l-attività (ara xhieda ta' Joseph Schembri a fol. 36 tal-kawża l-oħra) — ħaġa li l-konvenut l-ieħor Reverendu Deguara ma jistgħax ma japprezzax, u ntant l-attur iridu jieħu passi biex dan, li hu konformi mal-volontà tat-testatur, li nnominah biex jara li ikun qiegħed isir, ma jkunx jista' jiġi iżjed attivat; b'dan il-mod l-azzjoni preżenti tiġi direttament kuntrarja għall-volontà tat-testatur li l-attur qiegħed jinvoka a bażi tagħha; dan però hu fil-meritu, mentri li, kif intqal, l-attur ma għandux interess li jagħmel il-kawża bħala tali, non ostanti kull interess ieħor li jista' jkollu minħabba l-benefiċċju li jista' jirrikava jekk din is-sir b'eżitu favorevoli minn min għandu d-dritt jagħmilha. L-istess argument, però, ikompli jsaħħaħ in-nuqqas ta' nteress ġuridiku tal-attur li jagħmel il-kawża;

Rat in-nota tal-appell tal-attur fol. 53, u l-petizzjoni tiegħu fol. 54, li biha dan talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' nteress sollevata mill-konvenuti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appell, kif jidher mit-termini konklużjonali tal-petizzjoni, hu ristrett għall-preġudizzjali tal-karenza ta' nteress fl-attur;

Huma x'inhuma l-każijiet ta' dekadenza mil-legat taddar "de qua" skond it-termini tat-testment ta' Giuseppa Agius, eżibit in kopja fol. 5 tal-inkartament, ma jidherx li jista' jkun hemm xi dubju illi skond dak it-testment ġiet mogħtija lill-"Parroco e Rettore della Chiesa Parrocchiale del Siggieui" diskrezzjoni dwar jekk ġietx jew lè nkorsa d-dekadenza mill-imsemmi legat, u jekk, għalhekk, kienx jew le l-każ li d-dar tinbiegħ biex ir-rikavat isir quddies. Anki jekk din id-diskretiva ma hix konferita "totidem verbis", l-istess hi aġevolment u neċessarjament argwibbli mill-kliem rilevanti tat-testment, li fih, wara li t-testatur jikkontempla l-evenjenza li ma jkunx jista' jiġi raġġunt l-iskop piju u enkomjabbli minnu kontemplat tal-użu tad-dar, sabiex fiha tiġi mpartita l-istruzzjoni reliġjuża lit-tfal u lill-adulti tar-raħal, għadda biex jgħid:— "In tal caso, il Parroco e Rettore della Chiesa Parrocchiale del Siggieui sarà autorizzato di procedere alla vendita di detta casa . . . . . . ";

Issa, din id-diskrezzjoni ċertament mhijiex la arbitrarja u anqas inkontrollata, imma eżerċibbli fil-limiti sewwa skond ġustizzja u ekwità, u sindakabbli mil-legatarji tad-dar, u talvolta mill-eredi u mill-Awtorità Ekkleżjastika. Imma l-pont f'dan il-proċess hu jekk l-attur, li ma hux legatarju u lanqas b'xi mod ieħor konness mat-testment jew mal-legat, għandux dak l-interess li jeħtieġ li jkollu skond il-liġi biex, kif inhi sostanzjalment din l-azzjoni, jikkostrinġi lill-konvenut Arċipriet li jeżerċita dik id-diskrezzjoni;

Ikkunsidrat;

Ma jistgħax ikun hemm dubju li l-attur għandu nteress fis-sens li l-istanza tiegħu, kieku akkolta, iġġiblu r-ri-

żultament utili li tilliberah mill-irkupru eżerċitat kontra tiegħu mis-soċjetà konvenuta fil-kawża l-oħra fuq imsemmija. Ma hemmx, anqas, dubju li, dan l-interess hu materjali; hu anki attwali, għaliex, għalkemm l-oġġett ta' din il-kawża hu dak ta' kontestazzjoni eventwali tal-irkupru fil-kawża l-oħra, oppure hu risaput li l-interess jista' jkun attwali anki jekk id-dritt ikun eventwali (Kollez. XXXVIII-I-300); u hu anki dirett, għax ir-riżultament utili li l-attur irid jirrikava minn din l-azzjoni jirrigwarda l-interess materjali tiegħu fl-irkupru. Iżda dak l-interess jonqsu wieħed mir-rekwiżiti fondamentali sabiex ikun verament interess ġuridiku. Qalet tajjeb l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ in re "Cassar Torreggani vs. Cardona", 21 ta' Mejju 1953, Vol. XXXVII-III-889, illi "għalkemm l-interess hu ħaġa essenzjalment distinta mid-dritt, dak l-interess però mhux biss irid ikun dirett u attwali imma anki leġittimu, ċjoè konformi għad-dritt ta' min ikun fil-kawża". Dik il-Qorti ċċitat l-awtorità tal-Mattirolo u tal-Mortara. Din il-Qorti żżid anki dik tal-Galdi, Comm. Cod. Proc. Civ. It., Vol. I, p. 256, fejn dan l-awtur jgħid:— "Un interesse è legittimo allorchè non ha lo scopo di eccedere la misura dei propri diritti e di invadere la sfera dei diritti altrui . . . . ." Issa, appuntu fil-każ preżenti, l-attur irid jeżerċita dritt li jikkompeti biss lill-konvenut Saċerdot Deguara nomine; għaliex hu ovvju li ma jkunx la konformi għall-"mens" tat-testatur, u lanqas għall-prinċipju tal-leġittimità li estranew għat-testment jinnewtralizza d-diskrezzjoni konċessa mit-testatur lil persuna nominattivament minnu deżinjata, kważi jissostitwixxi ruħu għaliha, u jikkompulsa lill-Arċipriet tas-Siġġiewi, billi jikkostrinġieh jieħu parti f'ġudizzju ta' dekadenza mil-legat "de quo", li l-Arċipriet biss għandu d-dritt jippromwovi, u b'daqshekk l-attur jeċċedi, kif qal "supra" l-Galdi il-miżura tad-drittijiet tiegħu u jinvoka dawk ta' ħadd ieħor. Meta tonqos dik li opportunament tissejjaħ "la legittimazione attiva dell'azione", allura jonqos ukoll l-element tal-leġittimità tal-interess, li ma jibqgħax, aktar interess ġuridiku;

Ma hemmx bżonn jingħad li din hi materja ta' Dritt Privat, u mhux ta' dritt soċjali jew kollettiv, li biha tista' tiġi prospettata l-idea tal-"actio popularis" tad-Dritt Ruman;

Din il-Qorti eżaminat in-nota ta' riljevi tal-attur appellant tal-4 ta' Diċembru 1962, iżda jidhrilha illi r-riljevi tiha kontenuti huma kollha superati bil-konsiderazzjonijiet li ġa saru; senjatament, kwantu għall-osservazzjonijiet dwar il-każ ta' ġudizzju preordinat għall-ieħor, għandu jiġi rilevat li jibqa' dejjem veru illi l-interess tal-attur irid ikun, anki f'dak il-ġudizzju preordinat, leġittimu fis-sens fuq spjegat, u l-leġittimità għandha titqies in relazzjoni għal "dak" il-ġudizzju;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjez kontra tiegħu.